Comment [IC1]: Page: 1

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 5 TA' SETTEMBRU 2001

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 531/01AE**

Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpannija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Frank Borda Ltd u l-istess Frank Borda Ltd

vs

Carmel sive Charles Spiteri

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mija u wiehed u disghajn lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm191.26) hlas ghal danni li gew ikkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' Novembru 2000 fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAT 402, ghal liema incident huwa responsabbli l-konvenut li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru KBB 487.

Ra n-nota ta' ammissjoni li giet prezentata mill-konvenut fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2001 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz tat-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta atrici s-somma ta' mija sitta u sittin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm166.26) u lis-socjeta attrici Frank Borda Ltd is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25).

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut skond dak li jiddisponi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**